32004D0522

L 228/18 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.6.2004

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' April 2004

## li temenda direttiva 2001/32/KE li tirrikonoxxi ż-żoni esposti għal riskju partikolari għas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità

*(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2004) 1582)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2004/522/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunisdrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi perikolużi għall-pjanti u prodotti tal-pjanti, u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari fl-ewwel sub-paragrafu ta' Artikolu 2(1)(h) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 20 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, jirreferi għall-Anness II ta' dan l-Att, li fih l-adattamenti għall-*aċquis* meħtieġa bl-adeżjoni. Madanakollu, l-Anness II fil-prinċipju jieħu biss in konsiderazzjoni l-adattamenti fl-atti qabel l-aħħar data għan-negozjati għas-sħubija, jiġifieri 1 ta' Novembru 2002.

(2) Huwa mandanakollu neċessarju li jsiru aarranġamenti addizzjonali fl-*aċquis*, b'mod partikolari fl-atti addottati wara d-data kif ukoll fl-atti li ma jistgħux jiġu inklużi fl-Annes II jew li, minħabba t-tibdil fiċ-ċirkostanzi, jenħtieġu adattamenti ġodda.

(3) Direttiva tal-Kummissjoni 2001/32/KE tirrikonoxxi ċerti żoni protetti għar-riskju partikolari tas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità u tħassar id-Direttiva 92/76/KE ([2]), ġiet emendata f'diversi okkażjonijiet wara l-1 ta' Novembru 2002 fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet li kienu addottati mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

(4) Sabiex tkun aktar ċara, huwa xieraq li tiġi stabbilita lista kompluta aġġornata ta' tali żoni. Id-Direttiva 2001/32/KE għandha, għalhekk, tkun emendata.

(5) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2001/32/KE qed tiġi emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 qed jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Iż-żoni fil-Komunità mniżżlin fl-Annessi huma hawn rikonoxxuti bħala żoni protetti msemmija fl-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 2(1)(h) tad-Direttiva 2000/29/KE, fir-rigward ta' l-organiżm(i) perikolużi mniżżlin taħt l-ismijiet tagħhom fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Fil-każ ta' punt (a)(3.1) ta' l-Anness, l-imsemmija żona f'Ċipru hi rikonoxxuta sal-31 ta' Marzu 2006.

Fil-każ ta' punt (a)(6) ta' l-Anness, l-imsemmija żoni fil-Latvja, is-Slovenja u s-Slovakkja huma rikonoxxuti sal-31 ta' Marzu 2006.

Fil-każ ta' punt (a)(11) ta' l-Anness, l-imsemmija żona f'Ċipru hi rikonoxxuta sal-31 ta' Marzu 2006.

Fil-każ ta' punt (a)(13) ta' l-Anness, l-imsemmija żoni f'Ċipru u Malta huma rikonoxxuti sal-31 ta' Marzu 2006.

---

([1]) ĠU L 169, ta' l-10.7.2000, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/70/KE (ĠU L 127, tad-29.4.2004, p. 97).

([2]) ĠU L 127, tad-9.5.2001, p. 38. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/32/KE (ĠU L 85, tat-23.3.2004, p. 24).

Fil-każ ta' punt (b)(2) ta' l-Anness, għall-Irlanda, l-Italja (Apulia, Emilia-Romagna: provinċji ta' Forlí-Ċesena, Parma, Piaċenza u Rimini; Lombardija; Trentino-Alto Adige: provinċji awtonomi ta' Trento; Veneto: ħlief fil-provinċja ta' Rovigo l-komuni ta' Rovigo, Polesella, Villamarzana, Fratta Polesine, San Bellino, Badia Polesine, Treċenta, Ċeneselli, Ponteċċhio Polesine, Arquà Polesine, Ċosta di Rovigo, Oċċhiobello, Lendinara, Ċanda, Fiċarolo, Guarda Veneta, Frassinelle Polesine, Villanova del Ghebbo, Fiesso Umbertiano, Ċastelguglielmo, Bagnolo di Po, Giaċċiano ċon Baruċhella, Bosaro, Ċanaro, Lusia, Pinċara, Stienta, Gaiba, Salara, u fil-provinċja ta' Padova l-komuni ta' Ċastelbaldo, Barbona, Piaċenza d'Adige, Vesċovana, S. Urbano, Boara Pisani, Masi, u l-provinċja ta' Verona u l-komuni ta' Palù, Roverċhiara, Legnago, Ċastagnaro, Ronċo all'Adige, Villa Bartolomea, Oppeano, Terrazzo, Isola Rizza, Angiari), il-Latvja, il-Litwanja, l-Awstrija (Burgenland, Ċarinthia, l-Awstrija t'Isfel, Tiroll (distrett amministrattivament ta' Lienz), Styria, Vjenna), is-Slovenja u s-Slovakkja u l-imsemmija żoni huma rikonoxxuti sal-31 ta' Marzu 2006.

Fil-każ ta' punt (d)(1) ta' l-Anness, l-imsemmija żona fil-Litwanja hi rikonoxxuta sal-31 ta' Marzu 2006.

Fil-każ ta' punt (d)(3) ta' l-Anness, l-imsemmija żona f'Malta hi rikonoxxuta sal-31 ta' Marzu 2006.";

2. L-Anness hu emendat b'mod konformi ma' l-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika bla ħsara għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Liwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-28 ta' April 2004.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness tad-Direttiva 2001/32/KE qed jiġi emendat kif ġej:

1. Is-sub-titolu (b), punt 2 qed jiġi mibdul b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "2. *Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al* | Spanja, Franza (Korsika), l-Irlanda, l-Italja (Abruzzi; Apulia; Basilicata; Calabria; Campania; Emilia-Romagna: provinċji ta' Forlí-Cesena, Parma, Piacenza u Rimini; Friuli-Venezia Giulia; Lazio; Liguria; Lombardija; Trentino-Alto Adige: provinċji awtonomi ta' Trento; Marche; Molise; Piemonte; Sardinja; Sqallija; Tuskana; Umbria; Valle d'Aosta; Veneto: ħlief fil-provinċja ta' Rovigo l-komuni ta' Rovigo, Polesella, Villamarzana, Fratta Polesine, San Bellino, Badia Polesine, Trecenta, Ceneselli, Pontecchio Polesine, Arquà Polesine, Costa di Rovigo, Occhiobello, Lendinara, Canda, Ficarolo, Guarda Veneta, Frassinelle Polesine, Villanova del Ghebbo, Fiesso Umbertiano, Castelguglielmo, Bagnolo di Po, Giacciano con Baruchella, Bosaro, Canaro, Lusia, Pincara, Stienta, Gaiba, Salara, u fil-provinċja ta' Padova l-komuni ta' Castelbaldo, Barbona, Piacenza d'Adige, Vescovana, S. Urbano, Boara Pisani, Masi, u l-provinċja ta' Verona u l-komuni ta' Palù, Roverchiara, Legnago, Castagnaro, Ronco all'Adige, Villa Bartolomea, Oppeano, Terrazzo, Isola Rizza, Angiari), il-Latvja, il-Litwanja, l-Awstrija (Burgenland, Carinthia, Awstrija t'Isfel, Tiroll (distrett amministrattivament ta' Lienz), Styria, Vjenna), il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, Renju Unit (l-Irlanda ta' fuq, Isle of Man u Channel Islands)" |

2. Is-sub-titolu (d), punt 1 qed jiġi mibdul b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "1. *Beet necrotic yellow vein virus* | Id-Danimarka, Franza (Brittany), l-Irlanda, il-Litwanja, il-Portugall (Azores, il-Finlandja, ir-Renju Unit, (l-Irlanda ta' Fuq)" |